# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 51/2008

## tal-25 ta' April 2008

## li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 10/2008 ta' l-1 ta' Frar 2008 ([1]).

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/657/KE tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar in-netwerk elettroniku tal-mekkanizmi maħtura uffiċjalment għall-ħażna ċentrali ta' l-informazzjoni regolata msemmija fid-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 42 (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2004/384/KE) ta' l-Anness IX tal-Ftehim:

"43. **32007 H 0657**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/657/KE tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar in-netwerk elettroniku tal-mekkanizmi maħtura uffiċjalment għall-ħażna ċentrali ta' l-informazzjoni regolata msemmija fid-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 267, 12.10.2007, p. 16)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Rakkomandazzjoni 2007/657/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-26 ta' April 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' April 2008.

*Għall-Kumitat Konġunt ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

([1]) ĠU L 154, 12.6.2008, p. 20.
([2]) ĠU L 267, 12.10.2007, p. 16.
(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.